# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 1587/94 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Rex Footwear u
B'nota tal-21 ta' Jannar 2002 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta Atlas Insurance Agency Ltd. minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.fl-istess kwalitajiet.

vs

John C. Cooper u William L. Harding ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` Lep International Limited organizzaturi tal-konsenja de qua u l-istess John C. Cooper u William L. Harding ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited operaturi ta' bond privat Ricasoli

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Novembru 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-assigurat tal-attur nomine, Rex Footwear, importat gewwa Malta fuq il-vapur Zebbug konsenja ta' zraben li waslet fid-19 ta' Novembru 1993.

Illi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bin-nuqqasijiet spjegati fid-Dok.A.

Illi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' mitejn u wiehed liri u ghaxar centezmi (Lm201.10,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' tmienja u tletin lira (Lm38) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' mitejn u disa u tletin lira u ghaxar centezmi (Lm239.10,0).

Illi l-konvenut nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm239.10,0;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm239.10,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjes w interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine bhala operaturi ta’ bond privat Ricasoli fejn qalu:

1. In kwantu diretti kontra l-eccipjent nomine it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjent nomine mhuwiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat allegati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta’ l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe - vs - Chev. Silvio Mifsud noe et).

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjent m’ghandux ibati s-survey fee stante li din mhijiex parti mid-danni ta’ l-assigurat (sentenza ta’ l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe – vs – Chev. Silvio Mifsud noe et).

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine bhala agenti Malta tas-socjeta` Lep International Limited fejn qalu:

1. In kwantu diretti kontra l-eccipjent nomine it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjent nomine mhuwiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat allegati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta’ l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe –vs – Chev. Silvio Mifsud noe et).

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjent m’ghandux ibati s-survey fee stante li din mhijiex parti mid-danni ta’ l-assigurat (sentenza ta’ l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe –vs- Chev. Silvio Mifsud noe et).

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 1995 fejn gie nominat Dr. Raymond Pace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-11 ta' Mejju 1998 fejn ghall-imsemmi perit legali giet sostitwita Dr. Greta Agius;

Rat ir-relazzjoni taghha debitament mahlufa fis-27 ta' Gunju 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li d-ditta Rex Footwear importat numru ta' zraben li meta hadet konsenja taghhom sabet li kien hemm xi nuqqasijiet li ghalihom giet rimborzata mis-socjeta` assikuratrici attrici. Din is-socjeta` issa qed tippretendi rifuzjoni minghand il-konvenuti nomine fil-kwalitajiet rispettivi indikati jew min minnhom.

Apparti x-xiehda ta' Lucienne Cini in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li kkonfermat l-pagament li sar, xehdu biss Alfred Zammit li kien ir-*releasing officer* tal-merkanzija in kwistjoni u Anton Naudi ghas-socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd.

Anton Naudi esebixxa bhala Dok. AN1 kopja tal-Form 1C tad-Dwana li huwa l-manifest tal-merkanzija unitizzata ta' aktar minn sid wiehed mnejn jirrizulta li fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni kien hemm *"3 ctns retaped"* u li dawn marru hekk fil-mahzen taghhom. Zied ighid li dawn marru ghandhom mill-*bond* ta' Parnis England Ltd. Kopja ohra ta' l-istess manifest giet esebita minn Alfred Zammit (Dok. AZ1) mnejn tirrizulta l-istess informazzjoni. Inoltre l-istess xhud ikkonferma li l-kartuniet dahlu fil-*bond* ta' Cassar & Cooper *"retaped"*. Huwa spjega li l-konsenja kienet go *trailer* ta' Parnis England, li skond l-istess Dok. AZ1 meta nfetah dan it-*trailer* is-sigilli kienu ntatti u li l-merkanzija nharget mit-*trailer* f'dik il-kondizzjoni, cioe` *"retaped"*.

Mis-*'small claim' information report* (Dok. A) jirrizulta li n-nuqqasijiet gew osservati f'dawk il-kartuniet li kienu *"retaped"*.

Billi għalhekk jirrizulta li l-merkanzija daħlet fil-*bond* tas-socjeta` konvenuta fil-kondizzjoni hawn fuq deskritta, ma tistax tinzamm responsabbli fil-kwalita` tagħha ta' operatrici ta' l-istess *bond* għan-nuqqasijiet li ġew riskontrati. Għalhekk irid jiġi determinat jekk teżistix responsabbilta` tat-trasportaturi Lep International Limited kif rappreżentati mill-istess socjeta` Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited.

Mill-*invoice* Dok. B (a fol. 6) jirrizulta li l-merkanzija ntbagħtet kollha mill-esportaturi *"per sea freight container LEP transport"*. Mill-polza ta' kariku (Dok. C a fol. 7) jirrizulta li s-socjeta` LEP International Ltd. irċeviet u bagħtet l-istess konsenja, liema konsenja giet spedita bħala *groupage cargo* ġo *trailer*. Issa kif diga` ġie ndikat, meta nfetaħ it-*trailer* dan kellu s-sigilli ntatti. Għalhekk in-nuqqasijiet setgħu okkorrew biss meta l-merkanzija kienet taħt il-kustodja tat-trasportaturi u wisq probabbli fil-perijodu bejn li rċevew il-merkanzija u l-istivar tiegħu fit-*trailer*. Għaldaqstant is-socjeta` Lep International Ltd. trid tagħmel tajjeb għad-danni sofferti.

Is-socjeta` attrici qed titlob l-ammont ta' Lm239.10, kwantu għal Lm201.10 l-ammont li tħallas lill-assigurat u kwantu għal Lm38 *survey fee*. Il-ħlas ta' Lm201.10 jirrizulta kemm mis-*subrogation form* (Dok. E a fol. 9) kif ukoll mix-xiehda ta' Lucienne Cini. F'dan il-każ ma jirrizultax li sar *survey*. Anzi d-Dok. A mhuwiex *survey report* izda, kif jgħid l-istess dokument, *'small claim' information report*, mnejn jirrizulta li *survey* ma sarx għar-raġuni: *"Satisfied – made in good faith"*. Pero` mill-istess dokument jirrizulta li kien hemm *agency fee* ta' Lm38. Issa in kwantu jirrigwarda *survey fees* il-Qrati tagħna rritenew diversi drabi li għalkemm is-socjeta` assikuratrici ma tkunx ġiet formalment surrogata fid-drittijiet tal-importatur rigward dawn id-drittijiet dawn kienu dovuti lilha u "għalhekk kien hemm tpacija bejn id-debitu tal-importatur għal dawn l-ispejjeż u l-kreditu tiegħu għalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciż fl-24 ta' Ġunju 1996, Citaz. 929/92 JDC). Fil-fehma tal-Qorti dan ir-raġunament japplika *mutatis mutandis* għall-*agency fees*. Konsegwentement is-socjeta` attrici għandha kull dritt tirreklama anke tali drittijiet.

Għal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fil-konfront tal-konvenuti nomine bħala operaturi ta' bond privat Ricasoli tiċħad it-talbiet attrici filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici

fil-konfront tal-konvenuti nomine bhala agenti Malta tas-socjeta` Lep International Limited u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine bhala agenti Malta tas-socjeta` Lep International Limited responsabbli ghad-danni kagonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine,
(2) tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' Lm239.10, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti nomine fil-kwalita' msemmija biex ihallsu lill-attur nomine din is-somma ta' Lm239.10 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine bhala agenti Malta tas-socjeta` Lep International Limited.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur